MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru. 1206/2008

**Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**vs**
**Franky Tanti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Franky Tanti ta’ 33 sena iben Grazio u Mary nee’ Portelli, imwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Mejju 1975, residenti ‘Farmhouse’, l/o Triq Wied il-Busbies, Rabat u detentur tal-karta tal-identita’ numru 253375(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Gewwa H’Attard u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer fil-5 ta’ Dicembru 2008 u matul ix-xahar ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :

1) B’eghmil zieni ikkorrompa persuna ta’ taht l-eta’ u cioe’ lil minuri JM ta’ hmistax(15)-il sena ;

2) Offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku.

3) Ta fastidju lil JM b’mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal dik il-persuna.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-imsemmija JM u l-familja taghhom u persuni ohra, minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Dicembru 2008 (esebit a fol. 59 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-31 ta’ Jannar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-5 ta’ Dicembru 2008 sar rapport lil Pulizija minn CM li dakinhar stess waqt li bintha JM ta’ hmistax il-sena kienet sejra tixtri u ghaddejja minn Triq Victor Vassalli kantuniera ma’ Triq il-Linja, H’Attard kien hemm ragel hdejn il-vettura tieghu li hareg il-parti genitali tieghu u beda’ jaghmel mossi qiesu qed jaghmel l-att sesswali. M spjegat lil Pulizija li bintha kien irnexxielha tiehu n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li kien qed juza r-ragel li kien

HAD 981. Hija rrapurtat ukoll li din il-haga kienet grat gimgha qabel ukoll izda dik id-darba bintha ma’ kinitx irnexxielha tiehu n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tal-persuna koncernata. Il-Pulizija rnexxilha tirrintraccja lil propjetarju tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni indikat fir-rapport, u cioe’ lill-imputat fil-kawza odjerna u wara li dan tal-ahhar gie nterrogat mill-Pulizija gie mressaq il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi l-minuri JM xehdet bil-procedura tal-video conferencing waqt l-udjenza tas-16 ta’ Dicembru 2008 fejn hija spjegat li fit-28 ta’ Novembru 2008 ghall-habta tas-6.45am hija harget sabiex tixtri hobza ghall-iskola u waqt li kienet miexja lura d-dar  rat ragel b’daru lejha hdejn karozza bajda li kellha l-bieba miftuha u meta raha riesqa lejh huwa dar u setghat tara li kellu z-zipp tal-qalziet imnizzel u bil-parti genitali tieghu barra u huwa kien qed jimmasturba.  Il-minuri qalet li hija nfixlet meta rat hekk u telqet tigri d-dar izda ma qalet xejn lil ommha u missierha dak il-hin u qaltilhom biss meta rritornat lura mill-iskola. Hija spjegat ukoll li ommha kienet qaltilha li jekk din il-haga terga tirrepeti ruhha hija kellha tiehu nota tan-number plate tal-vettura sabiex imbaghad ikunu jistghu imorru ghand il-Pulizija. JM qalet ukoll li madwar gimgha wara hija regghat harget kmieni filghodu sabiex tixtri l-hobz u malli daret il-kantuniera wara li kienet miexja lura d-dar rat lill-istess ragel izda din id-darba b’vettura differenti, li kienet pick up truck ta’ kulur beige li kellu n-numru ta’ registrazzjoni HAD 981 u dan kien qed jaghmel mossi b’qaddu qiesu qed jaghmel l-att sesswali u huwa beda’ jaghmel ukoll hsejjes b’halqu.  Hija qalet li daret min-naha l-ohra tal-pick-up u marret id-dar fejn qalet lil ommha x’kien gara u huma mbaghad marru jaghmlu rapport lil Pulizija. Il-minuri iddeskriviet lir-ragel bhala li kellu madwar tletin jew erbghin sena u xaharu twil, iswed u daqxejn imhabbel.  Hija qalet li lil dan ir-ragel qatt ma kienet ratu qabel dawn iz-zewg okkazzjonijiet. Il-minuri spjegat li dehrilha li l-atteggjament tar-ragel li ghamlet referenza ghalih kien baxxa il-moral (dinjita’) tan-nisa. Meta l-minuri inharget fil-bieb li mis-sigrieta tal-Magistrat li

dak iz-zmien kienet qed tisma' l-kaz u ntalbet thares fl-awla u tara jekk kinitx qed taraf lir-ragel li ghamlet referenza ghalih hija qalet li ma kienet qed taghraf lil hadd izda wara li regghat intalbet thares lejn diversi nies li kien hemm fl-awla u ppuntawla lejn l-imputat hija qalet li r-ragel li kienet qed taghmel referenza ghalih seta' kien l-imputat izda dan tal-ahhar kellu xaharu iqsar.

Ikkunsidrat;

Illi fil-5 ta' Dicembru 2008 l-imputat irrilaxxja stqarrija[1] izda d-Difiza irritjeniet li din l-istqarrija ma' kinitx ammissibbli bhala prova minhabba l-fatt li l-imputat ma' nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi li nghataw rigward id-dritt tal-imputat li jkun assistit minn avukat waqt l-investigazzjoni u tehid tal-istqarrija mill-Pulizija. Fiż-żmien tar-rilaxx tal-istqarrija in kwistjoni l-liġi tagħna ma' kinitx tipprovdi li l-interrogat seta' jikkonsulta ma' avukat qabel ma' jiġi interrogat u meta jkun ser jirrilaxxja stqarrija. Minħabba dan kollu l-imputat jista' jkollu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6(3)(ċ) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kif ġie nnutat mill-**Qorti Kostituzzjonali** fil-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Alvin Privitera** deċiża fil-**11 ta' April 2011**. Is-Sub-artikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 39 jipprovdi li – *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."* Is-Sub-artikolu (1) tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi – *"Fid-deċiżjonijiet tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi".* Is-Sub-artikolu (3)(ċ) tal-istess Artikolu 6 tal-Kap. 319 jipprovdi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-dritt *"li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas*

[1] Inserita a fol. 70 u 71 tal-atti processwali.

*l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk".*

L-ebda wieħed mill-artikoli ċitati ma jistipula speċifikament li persuna li tkun qed tiġi investigata mill-Pulizija in konnessjoni ma' xi allegat reat għandha d-dritt li tkun assistita, waqt l-istess investigazzjonijiet u meta tkun ser tirrilaxxja stqarrija, mill-konsulent legali ta' fiduċja tagħha jew li jkun ġie assenjat lilha skond il-liġi. Madanakollu gie diversi drabi ritenut mill-Qorti Europea li dak li hu stipulat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu applikabbli għal dak l-istadju li jippreċedi proċeduri kriminali quddiem il-qrati kompetenti kontra min ikun qed jiġi investigat u interrogat mill-Pulizija. Għalhekk il-provvedimenti in kwistjoni huma wkoll applikabbli fil-fażi tal-investigazzjonijiet u tal-interogazzjoni tal-investigat. Kwindi l-interrogat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-istess mod kif jista' jiddefendi ruħu fil-kors ta' proċeduri kriminali li jkunu ttieħdu kontra tiegħu. B'mod partikolari huwa għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat qabel ma jibda' jiġi interrogat mill-Pulizija. Dan issa hu prinċipju ben assodat li joħroġ minn diversi sentenzi tal-Qorti Europea (vide **Imbrioscia vs Svizzera** tal-**24 ta' Novembru 1993** u **Panovits vs Cyprus** tal-**11 ta' Diċembru 2008**), kif ukoll minn diversi sentenzi recenti tal-qrati tagħna. Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alvin Privitera l-Qorti Kostituzzjonali (11 ta' April 2011)** ġie ritenut li *"meta diġa jkun hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, il-Qorti m'għandhiex toqgħod tistenna' sakemm jintemm il-każ jew li jiġi attwalment miksur id-dritt pretiż biex tiddeċiedi jekk hemmx leżjoni jew le. Jista' jagħti l-każ li jkun tard wisq. Fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li jistgħu jippreġudikaw id-dritt ta' persuna akkużata irrimedjabilment".*

Illi jrid jinghad ukoll li fil-Kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali tat-8 ta' Ottubru, 2012** (Appell Civili Numru. 75/2010/1) il-Qorti Kostituzzjonali qalet fost affarijiet ohra li:

*"F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[2]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[3]."*

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-fedina penali tal-imputat[4], qabel dan il-kaz huwa nstab hati ta' reat kontravenzjonali fis-sena 2000. Illi ghalhekk, ma jistax jinghad li huwa wiehed li ghandu esperjenza kif tithaddem il-gustizzja kriminali u l-process li jaghti bidu ghall-investigazzjonijiet bhal kaz fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v. Avukat Generali**. Ghalhekk in linea ma' dak deciz fil-kaz Pulizija vs Alvin Privitera din il-Qorti mhux ser tikkunsidra dak li intqal mil-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata bhala prova f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz setghat tikkonstata li effettivament l-imputat qatt ma' gie identifikat la direttament u l-anqas tramite provi indizjarji bhala l-persuna li wettaq l-atti li xehdet dwarhom il-minuri f'dawn il-proceduri.  Mill-atti fil-fatt jirrizulta li meta l-minuri xehdet f'dawn il-proceduri hija m'identifikatx lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed taghmel referenza ghalih u kien biss wara li ppuntawlha lejn l-imputat li kien bilqieghda wahdu fuq l-ewwel bank li hija qalet li forsi seta' kien hu izda hija xorta wahda wriet incertezza ghaliex indikat li r-ragel li rreferiet ghalih kellu xaharu itwal. Fil-fehma tal-Qorti permezz tax-xhieda tal-minuri ma giex pruvat sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien il-persuna li l-minuri effettivament rat jaghmel l-atti li ddeskriviet fix-xhieda taghha fit-28 ta' Novembru u fil-5 ta' Dicembru 2008. Inoltre irid jigi rilevat li dwar il-vettura  li ntuzat fil-5 ta' Dicembru 2008 il-minuri indikat li din kienet vann pick up ta' kulur beige u bin-nurmu tar-registrazzjoni

[2] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.
[3] Para. 78.
[4] Inserita a fol. 95 tal-atti processwali.

HAD 981. Jekk wiehed jezamina d-dokument esebit mir-rapprezentant tat-Transport Malta a fol. 74 tal-atti processwali wiehed jinnota li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAD 981 hija Ford transit van ta' kulur ahdar. Irid inoltre jigi rilevat li l-minuri indikat li fiz-zewg okkazzjonijiet fejn allegatament saru l-atti li ghamlet referenza ghalihom ir-ragel kellu vettura differenti. Il-Qorti jidrilha li ghalkemm mill-provi jirrizulta li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAD 981, u cioe' in-numru indikat mill-minuri, jappartjeni lill-imputat, jezistu dubji dwar jekk effettivament kinitx din il-vettura li kienet qed tintuza mir-ragel li rat il-minuri fil-5 ta' Dicembru 2008. Dawn id-dubji ghandhom ovvjament jimmilitaw favur l-imputat u l-Qorti hija tal-fehma li ma' jistghax jigi ritenut li jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li fid-data lok u hin indikati fic-charge sheet l-imputat kien prezenti bil-vettura tieghu HAD 981 u li kien huwa li pperpetra l-atti deskritti mill-minuri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddkjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti tordna id-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------